MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Numru 210/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARISA CAMILLERI**

**VS**

**GIBSON GOUDER**

**Illum 2 ta' Dicembru 2002.**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gibson Gouder, ta’ 19 il-sena, bin Joseph u Mary Anne xebba Casha, imwieled Pieta’ u joqghod, 13, Flt. 4 Caruana, Misrah il-Knisja, B’Bugia, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 199383(M);

Talli bejn il-lejl tat-30 ta’ Settembru 2000, u l-1 ta’ Ottubru 2000, meta kien gewwa Triq il-Gardiel, M’Scala, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Daren Sultana f’periklu ciar, hebb ghalih u kkagunalu feriti gravi (sfregju) permanenti fil-wicc, skond kif iccertifika Dr. A. Portelli tal-P.H. C u Dr. S. Stafrace ta’ S.L.H.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Wara illi rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 17c, 20,30 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi dina l-kawza titratta barra diskoteka gewwa Wied il-Ghajn dak in-nhar ta’ l-incident;

Illi ma jezisti l-ebda dubbju ragonevoli illi l-imputat Gibson Gouder, ha part jew sehem attiv f’dina r-rassa, u dana ex admissis, sia:

1. Meta huwa imbotta lil Darren Sultana meta huwa kien qieghed johrog mil gol-van biex flimkien ma’ shabu, jaqbdu van iehor, dak tas-soltu, biex jasslu d-dar, u

2. Meta tah daqqa ta’ ponn fuq imniehru.

Illi x-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni jikkonfermaw dak li ammetta huwa stess l-imputat. Jirrizulta wkoll, pero, illi Darren Sultana, beda jaqla' daqqiet ta' ponn meta huwa kien ghadhu fil-vann u danna mhux minghand l-imputat izda minn dawk il-guvintur li kienu qeghdin jistennew fil-vann. Meta hareg mill-vann, fil-fatt, Darren kellu sinjali ta' daqqiet fuq wiccu u kellu xi demm hiereg minn xuftejh, imma widnejh kienu ghadhom intatti. Hareg daqsxejn stordut u gie mghejjun miz-zewg hbiebu jistrieh fuq hajt fil-vicinanzi. Dawk li kienu fil-vann hargu ghalih u flimkien ma' guvintru ohra, regghu daru ghal Darren, nonostante illi hbiebu ipprovaw jiddefenduh.

Dawn tefghu lil Darren ma' l-art, dawruh u bdew itugh, anke bis-sieq. Kienu madwar ghaxra. M'huhiex car jekk l-imputat kienx wiehed minnhom. Huwa u hbiebu xhedu li le, il-ghaliex huwa kien qed jigi mizmum minn membru tas-Security tad-diskoteka. Iva, jghidu Darren Sultana u, b'iktar konvinzjoni, iz-zewg hbieb tieghu. Izda anke dawn m'huhiex ciar dwar is-sehem ta' l-imputat.

Illi, wkoll ma' hemmx qbil bejn it-tobba dwar il-gravita' o meno tal-ferita fil-widna sofferta minn Darren.

Ghaldaqstant, fil-waqt li din il-Qorti qeghda ssib lill-imsemmi Gibson Gouder hati ta' ksur ta' paci pubblika u buon ordni u ta' rissa, qeghda tikkundannah ghall-hlas ta' mitt lira maltin (Lm100) multa.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------